BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA





# RAPPORT TRIMESTRALI TAL-MSU



## Progress fl-implimentazzjoni operattiva tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku






Fl-2014 il-pubblikazzjonijiet kollha tal-BĊE se juru motiv meħud mill-karta tal-€20



2014 / 1



**© Bank Ċentrali Ewropew, 2014**

| | |
|---|---|
| **Indirizz** | Kaiserstrasse 29, 60311 Frankfurt am Main, il-Ġermanja |
| **Indirizz postali** | Postfach 16 03 19, 60066 Frankfurt am Main, il-Ġermanja |
| **Telefon** | +49 69 1344 0 |
| **Internet** | http://www.ecb.europa.eu |

Id-drittijiet kollha miżmumin. Ir-riproduzzjoni għal finijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija permessa sakemm jissemma s-sors.

| | |
|---|---|
| **ISBN** | 978-92-899-1176-4 (onlajn) |
| **ISSN** | 2315-3733 (onlajn) |
| **EU Catalogue No** | QB-BM-14-001-MT-N (onlajn) |

# MESSAĠĠI EWLENIN

Dan huwa l-ewwel Rapport Trimestrali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni Ewropea dwar il-progress fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (ir-Regolament MSU). Ir-rapport, li huwa mitlub mir-Regolament MSU, ma jkoprix biss it-tliet xhur sat-3 ta' Frar 2014 iżda wkoll ix-xogħol ta' tħejjija li sar mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) bil-kooperazzjoni mill-qrib tas-superviżuri u l-banek ċentrali nazzjonali wara s-*summit* taż-żona tal-euro li sar fid-29 ta' Ġunju 2012.

L-istrutturi organizzattivi tranżitorji stabbiliti mill-BĊE biex iħejju għall-bidu tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) diġà għamlu progress sinifikattiv biex ir-Regolament MSU seta' jidħol fis-seħħ bla xkiel fit-3 ta' Novembru 2013. Hawn taħt jidhru xi ġrajjiet importanti li seħħew s'issa.

- Il-mudell superviżorju tal-MSU ġie żviluppat fil-biċċa l-kbira kif inhuwa rifless fl-abbozz tal-Manwal Superviżorju tal-MSU, li jkopri l-kompiti u l-proċessi superviżorji kollha tal-MSU, fosthom ir-relazzjonijiet bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.
- Il-kunċett ewlieni tal-Manwal Superviżorju huwa li t-Timijiet Superviżorji Konġunti (*Joint Supervisory Teams* – JST) se jissorveljaw direttament madwar 130 bank li huma meqjusa bħala "importanti" skont ir-Regolament MSU. Il-kompożizzjoni tat-Timijiet Superviżorji Konġunti ġiet definita fl-ewwel laqgħa tal-Bord Superviżorju.
- L-abbozz tar-Regolament Qafas tal-BĊE dwar il-MSU ġie ffinalizzat u se jintbagħat għal konsultazzjoni pubblika qabel ma jiġi adottat. Skont ir-Regolament MSU, il-BĊE jrid jadotta u jippubblika dan ir-Regolament Qafas sal-4 ta' Mejju 2014.
- Il-qafas għar-rappurtar superviżorju fi ħdan l-MSU, li jispeċifika d-dejta meħtieġa għall-mudell superviżorju tal-MSU, fil-biċċa l-kbira tiegħu ġie definit.
- L-evalwazzjoni komprensiva tal-banek li x'aktarx jitqiesu bħala "importanti" (u għalhekk huma suġġetti għal superviżjoni diretta mill-BĊE) tnediet pubblikament f'Ottubru 2013 u saru laqgħat mal-Uffiċjali Eżekuttivi Ewlenin tal-124 grupp bankarju suġġetti għall-evalwazzjoni. Il-karatteristiċi ewlenin tat-test tal-istress, wieħed miż-żewġ pilastri komplementari tal-evalwazzjoni komprensiva, ġew definiti bil-koordinazzjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE).
- Għall-ewwel darba saret mappa tas-sistema bankarja taż-żona tal-euro. Għal dan il-għan, inħoloq katalgu tal-entitajiet li jidħlu fl-ambitu tas-superviżjoni tal-MSU, fosthom l-istruttura interna u l-kompożizzjoni tal-gruppi bankarji kollha taż-żona tal-euro. L-

identifikazzjoni tal-istituzzjonijiet importanti skont ir-Regolament MSU se ssir wara li d-dejta rilevanti kollha tkun disponibbli.

- Il-proċess ta' reklutaġġ għall-istrutturi tal-MSU huwa miexi skont il-pjanijiet. It-tweġiba għall-konkorsi pubbliċi ta' reklutaġġ li saru s'issa, fosthom dawk għall-amministrazzjoni għolja u intermedja tal-MSU, kienet eċċellenti.
- Ix-xogħol intern ta' tħejjija fil-BĊE jinsab f'fażi avvanzata sew f'bosta oqsma, bħall-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informatika (IT), il-bini, il-komunikazzjoni interna u esterna, l-organizzazzjoni loġistika kif ukoll is-servizzi legali u tal-istatistika.

Fis-16 ta' Diċembru 2013 il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ħatar lis-Sa Danièle Nouy bħala l-ewwel President tal-Bord Superviżorju.[1] Is-Sa Nouy daħlet fil-kariga tagħha fit-2 ta' Jannar 2014. Il-Bord Superviżorju ltaqa' għall-ewwel darba fit-30 ta' Jannar 2014 u adotta l-ewwel deċiżjonijiet formali li għandhom x'jaqsmu mal-implimentazzjoni operattiva tar-Regolament MSU.

# 1 DAĦLA

Ir-Regolament MSU[2] jitlob lill-BĊE biex, mit-3 ta' Novembru 2013, jibgħat rapport trimestrali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni Ewropea dwar il-progress fl-implimentazzjoni operattiva tar-Regolament MSU.

Bħala parti mill-arranġamenti dwar ir-responsabbiltà kemm mal-Parlament Ewropew[3] kif ukoll mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea[4], ir-rapporti trimestrali għandhom ikopru b'mod speċifiku dan li ġej:

- it-tħejjija interna, l-organizzazzjoni u l-ippjanar tax-xogħol;
- l-arranġamenti konkreti li saru biex ikun hemm konformità mar-rekwiżit ta' separazzjoni bejn il-funzjonijiet tal-politika monetarja u tas-superviżjoni;
- il-kooperazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn kemm nazzjonali kif ukoll tal-Unjoni Ewropea;

---

1 Ara d-Deċiżjoni Implimentattiva tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2013 li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew dwar politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 50).

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew dwar politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

3 Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-modalitajiet prattiċi tal-eżerċizzju tar-responsabbiltà u s-sorveljanza demokratika fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompiti konferiti lill-BĊE fi ħdan il-qafas tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (ĠU L 320, 30.11.2013, p. 1).

4 Memorandum ta' Ftehim bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-kooperazzjoni fuq il-proċeduri relatati mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, li daħal fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2013.

- l-ostakli li jkun iltaqa' magħhom il-BĊE fit-tħejjija tal-kompiti superviżorji tiegħu;
- il-ġrajjiet li jqajmu tħassib jew tibdil fil-Kodiċi ta' Kondotta.

Dan l-ewwel Rapport Trimestrali tal-MSU ma jkoprix biss il-perjodu bejn it-3 ta' Novembru 2013 u t-3 ta' Frar 2014 iżda wkoll ix-xogħol ta' tħejjija li sar wara s-*summit* taż-żona tal-euro tad-29 ta' Ġunju 2012. Ir-rapport tħejja mill-istaff tal-BĊE u ġie approvat mill-Bord Superviżorju wara konsultazzjoni mal-Kunsill Governattiv tal-BĊE. It-tieni Rapport Trimestrali se jiġi ppubblikat f'Mejju 2014.

# 2 GOVERNANZA

## 2.1 GOVERNANZA TAX-XOGĦOL TA' TĦEJJIJA MIS-SAJF TAL-2012

Ix-xogħol ta' tħejjija għat-twaqqif tal-MSU beda mill-BĊE b'kooperazzjoni mill-qrib mas-superviżuri nazzjonali wara s-*summit* taż-żona tal-euro tad-29 ta' Ġunju 2012. It-tħejjijiet tmexxew minn Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Superviżjoni presedut mill-President tal-BĊE u magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-banek ċentrali taż-żona tal-euro. *Task Force* dwar is-Superviżjoni, b'rappreżentanti għoljin mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-banek ċentrali nazzjonali u responsabbli lejn il-Grupp ta' Livell Għoli, mexxiet ix-xogħol ta' tħejjija fil-livell tekniku. Inħoloq ukoll *project team* minn fost il-membri tat-*Task Force* biex itejjeb il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet superviżorji u biex jagħti direzzjoni lill-istaff kollu involut fit-tħejjijiet, inkluż l-istaff superviżorju li sadattant ġie ssekondat minn mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għal mal-BĊE. It-*Task Force* organizzat ix-xogħol tekniku f'ħames *work streams* (WS1 sa WS5), b'kull waħda tiffoka rispettivament fuq:

- mappa inizjali tas-sistema bankarja taż-żona tal-euro (WS1);
- il-qafas legali tal-MSU (WS2);
- l-iżvilupp ta' mudell superviżorju għall-MSU (WS3);
- l-iżvilupp ta' qafas għar-rappurtar superviżorju tal-MSU (WS4);
- it-tħejjija tal-bidu għall-evalwazzjoni komprensiva tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (WS5).

## 2.2 TWAQQIF TAL-ISTRUTTURI TA' GOVERNANZA TAL-MSU

### 2.2.1 ĦATRA TAL-PRESIDENT U L-VIĊI PRESIDENT

Fis-16 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ħatar lis-Sa Danièle Nouy l-ewwel President tal-Bord Superviżorju. Il-ħatra tas-Sa Nouy saret abbażi ta' proposta li saret mill-

Kunsill Governattiv tal-BĊE fl-20 ta' Novembru 2013, wara proċedura pubblika tal-għażla, u ġiet approvata mill-Parlament Ewropew fil-11 ta' Diċembru 2013. Filwaqt li mxiet fuq il-passi previsti mir-Regolament MSU u skont ftehim mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-ħatra bbenefikat minn proċedura mgħaġġla.

Il-Viċi President tal-Bord Superviżorju se jintgħażel minn fost il-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE. Fit-22 ta' Jannar 2014 il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ppropona l-ħatra tas-Sa Sabine Lautenschläger, li dan l-aħħar inħatret Membru tal-Bord Eżekuttiv, bħala Viċi President tal-Bord Superviżorju. Is-Sa Lautenschläger għandha tidher quddiem il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) f'laqgħa li se ssir fit-3 ta' Frar 2014. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea se jiddeċiedu dwar l-approvazzjoni tal-kandidat propost mill-BĊE.

### 2.2.2 IL-BORD SUPERVIŻORJU U L-KUMITAT TA' TMEXXIJA

Skont ir-Regolament MSU, l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-kompiti superviżorji konferiti lill-BĊE għandhom isiru kollha kemm huma mill-Bord Superviżorju bħala korp intern tal-BĊE. Wara l-ħatra tal-President, kull awtorità nazzjonali kompetenti ntalbet taħtar rappreżentant wieħed. Fejn l-awtorità kompetenti mhijiex bank ċentrali nazzjonali, il-membru tal-Bord Superviżorju jista' jiddeċiedi li jġib miegħu rappreżentant mill-bank ċentrali nazzjonali. F'dak il-każ, ir-rappreżentanti se jitqiesu bħala membru wieħed għall-finijiet tal-proċedura tal-votazzjoni.

Ir-Regolament MSU jitlob li l-Kunsill Governattiv jadotta regoli interni li jistabbilixxu fid-dettall ir-relazzjoni tiegħu mal-Bord Superviżorju. Il-Kunsill Governattiv emenda r-Regoli tal-Proċeduri tal-BĊE f'dan is-sens fit-22 ta' Jannar 2014. B'mod partikolari, ir-regoli riveduti jistabbilixxu l-interazzjoni bejn il-Kunsill Governattiv u l-Bord Superviżorju fil-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni. Abbozzi ta' deċiżjonijiet mill-Bord Superviżorju se jitqiesu li jkunu ġew adottati sakemm il-Kunsill Governattiv ma joġġezzjonax f'perjodu definit ta' żmien, li m'għandux jaqbeż għaxart ijiem tax-xogħol. Barra minn hekk, biex tiġi riflessa kif jixraq ir-responsabbiltà tal-Kunsill Governattiv għall-organizzazzjoni interna tal-BĊE u l-korpi deċiżjonali tiegħu skont l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), ċerti regoli li jirregolaw il-proċeduri tal-Bord Superviżorju ġew inkorporati wkoll fir-Regoli tal-Proċedura tal-BĊE.

Ir-Regolament MSU jitlob ukoll li l-Bord Superviżorju jadotta r-Regoli tal-Proċeduri tiegħu stess, li għandhom jittieħdu flimkien mar-Regoli tal-Proċedura riveduti tal-BĊE. Dawn se jinkludu wkoll regoli dwar l-għażla tal-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija li se jappoġġa l-Bord Superviżorju. Il-Kumitat ta' Tmexxija m'għandux ikun magħmul minn iktar minn għaxar

membri, inkluż il-President, il-Viċi President u rappreżentant wieħed tal-BĊE u l-kompożizzjoni tiegħu għandha tiżgura bilanċ u rotazzjoni ġusti bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. L-abbozz ta' dawn ir-regoli sar mill-istaff tal-BĊE u ġie diskuss mal-membri tat-*Task Force* dwar is-Superviżjoni u l-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Superviżjoni f'Diċembru 2013. Saret diskussjoni preliminari fl-ewwel laqgħa tal-Bord Superviżorju fit-30 ta' Jannar 2014. Huwa mistenni li l-Kumitat ta' Tmexxija jitwaqqaf fi Frar 2014.

Għalkemm ir-Regolament MSU ma jipprovdix espliċitament kodiċi ta' kondotta għall-membri tal-Bord Superviżorju, fih referenza għal xi regoli tal-etika li se japplikaw espliċitament għalihom (bħar-regoli dwar kunflitt ta' interessi minn impjieg sussegwenti). Billi hemm fis-seħħ kodiċijiet ta' kondotta kemm għall-Bord Eżekuttiv kif ukoll għall-Kunsill Governattiv, ġie deċiż li kien hemm bżonn ukoll li jsir kodiċi ta' kondotta separat għall-Bord Superviżorju. Biex jirrifletti aħjar in-natura distinta tal-Bord Superviżorju fi ħdan il-qafas organizzattiv tal-BĊE, il-Bord Superviżorju ddiskuta abbozz preliminari ta' *Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Bord Superviżorju* fl-ewwel laqgħa tiegħu fit-30 ta' Jannar 2014.

### 2.2.3 BORD AMMINISTRATTIV REVIŻORJU U BORD TA' MEDJAZZJONI

Ir-Regolament MSU jipprovdi li l-BĊE għandu jistabbilixxi Bord Amministrattiv Reviżorju inkarigat li jagħmel reviżjonijiet amministrattivi interni tad-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-BĊE meta jwettaq il-kompiti superviżorji tiegħu. Dan il-korp intern, li għandu jkun kompost minn ħames individwi li jkollhom esperjenza biżżejjed fl-oqsma tas-servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, se jirrevedi d-deċiżjonijiet superviżorji wara talba tal-entità konċernata. L-ambitu tar-reviżjoni huwa marbut b'definizzjoni mal-konformità proċedurali u sostantiva tad-deċiżjoni kontestata mar-Regolament MSU. Ir-regoli operattivi tal-Bord Amministrattiv Reviżorju se jipprovdu dettalji tal-proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'dan ir-rigward. Abbozz ta' strument legali biex jiġi kkunsidrat mill-Kunsill Governattiv ġie diskuss mal-membri tat-*Task Force* u l-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Superviżjoni f'Diċembru 2013.

Sabiex jiżgura li jkun hemm separazzjoni bejn il-politika monetarja u l-kompiti superviżorji, ir-Regolament MSU jipprovdi għal korp intern ieħor, il-Bord ta' Medjazzjoni, biex jittratta – jekk jintalab jagħmel dan minn awtorità nazzjonali kompetenti – oġġezzjonijiet tal-Kunsill Governattiv espressi fir-rigward ta' abbozzi ta' deċiżjonijiet imħejjija mill-Bord Superviżorju. Il-Bord ta' Medjazzjoni se jkun fih membru minn kull Stat Membru parteċipanti, magħżul minn fost il-membri tal-Kunsill Governattiv u l-Bord Superviżorju. L-abbozz tar-regoli tal-proċedura tal-Bord ta' Medjazzjoni għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Governattiv ġie diskuss mal-membri tat-*Task Force* u l-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Superviżjoni f'Diċembru 2013.

# 3 IL-QAFAS LEGALI

Il-kompiti konferiti lill-BĊE bir-Regolament MSU jeħtieġu l-adozzjoni ta' għadd ta' atti legali tal-BĊE qabel l-4 ta' Novembru 2014.

## 3.1 IR-REGOLAMENT QAFAS TAL-BĊE DWAR IL-MSU

Ir-Regolament MSU jipprevedi li l-BĊE għandu jadotta, b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u abbażi ta' proposta tal-Bord Superviżorju, il-qafas li jistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament MSU (dwar il-kooperazzjoni bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fi ħdan il-MSU). Dan il-qafas se jieħu s-sura ta' Regolament tal-BĊE (ir-Regolament Qafas) u abbozz tiegħu se jkun suġġett għal konsultazzjoni pubblika fil-bidu tal-2014. Il-BĊE jrid jadotta u jippubblika dan ir-Regolament Qafas sal-4 ta' Mejju 2014. Kif intqal iktar 'il fuq, twaqqfet *work stream* speċifika (WS2) magħmula minn esperti legali tal-BĊE, tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-banek ċentrali nazzjonali biex tiffaċilita dawn it-tħejjijiet legali u tipprovdi pariri legali dwar ix-xogħol l-ieħor ta' tħejjija.

L-għan ewlieni tar-Regolament Qafas huwa li jistabbilixxi l-proċeduri li jirregolaw il-kooperazzjoni bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Ir-Regolament Qafas se jkopri l-aspetti msemmijin espressament fl-Artikolu 6(7) tar-Regolament MSU, li jipprovdi li l-qafas se jkun fih tal-inqas:

- il-metodoloġija għall-evalwazzjoni tal-importanza tal-istituzzjonijiet;
- proċeduri ta' kooperazzjoni fir-rigward tas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu importanti;
- proċeduri ta' kooperazzjoni fir-rigward ta' istituzzjonijiet inqas importanti.

Barra minn hekk, ir-Regolament Qafas se jittratta l-aspetti li jmorru lil hinn minn dawk imsemmijin espressament fl-Artikolu 6 tar-Regolament MSU. Dawn l-aspetti jinkludu, pereżempju, kwistjonijiet dwar proċeduri għal poteri investigattivi, awtorizzazzjonijiet, parteċipazzjonijiet kwalifikanti (*qualifying holdings*), irtirar ta' awtorizzazzjonijiet, is-sistema tal-penalitajiet amministrattivi, is-superviżjoni makroprudenzjali u l-kooperazzjoni mill-qrib. Ir-Regolament Qafas se jistabbilixxi wkoll il-garanziji proċedurali ewlenin għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet superviżorji tal-BĊE, e.g. id-dritt ta' smigħ, l-aċċess għall-fajls, is-sistema lingwistika.

Qabel ma jadotta r-Regolament Qafas, il-BĊE għandu jagħmel konsultazzjoni pubblika bil-miftuħ.[5] Il-konsultazzjoni pubblika se tinfetaħ fis-7 ta' Frar 2014 wara l-approvazzjoni tal-abbozz tar-Regolament Qafas mill-Bord Superviżorju fl-ewwel laqgħa tiegħu. Qabel ma bdiet il-konsultazzjoni pubblika, l-abbozz tar-Regolament Qafas intbagħat lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON), skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-BĊE.

Barra minn hekk, fid-19 ta' Frar 2014, se ssir laqgħa pubblika fil-bini tal-BĊE fi Frankfurt am Main li fiha l-partijiet interessati se jkunu jistgħu jagħmlu mistoqsijiet dwar l-abbozz tar-Regolament Qafas.

## 3.2 REGOLI INTERNI DWAR IS-SEPARAZZJONI MILL-FUNZJONI TAL-POLITIKA MONETARJA

Ir-Regolament MSU jitlob li l-BĊE jadotta u jippubblika r-regoli interni meħtieġa biex jiżgura li jkun hemm separazzjoni bejn l-oqsma tal-funzjoni superviżorja u tal-politika monetarja u kompiti oħra tal-BĊE, fosthom ir-regoli dwar is-segretezza professjonali u l-iskambji ta' informazzjoni.

Għaldaqstant, beda jsir l-abbozz tar-regoli interni sabiex tiġi żgurata s-separazzjoni, permezz tal-kombinazzjoni tas-separazzjoni organizzattiva u s-segregazzjoni tal-flussi ta' informazzjoni.

Kif issemma iktar 'il fuq, twaqqaf Bord Superviżorju indipendenti – separat mill-Kunsill Governattiv – biex jagħmel abbozzi ta' deċiżjonijiet u jinfurzahom. Id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Governattiv dwar kwistjonijiet superviżorji se jinżammu strettament separati minn dawk dwar kwistjonijiet oħra, b'aġendi u laqgħat separati.

Dwar is-segregazzjoni tal-flussi ta' informazzjoni, il-BĊE diġà għandu esperjenza fl-iżvilupp u t-twettiq ta' arranġamenti istituzzjonali u operattivi li jissegregaw l-informazzjoni b'mod sigur (e.g. biex jiżguraw li jkun hemm separazzjoni bejn l-informazzjoni li għandha x'taqsam mal-BĊE u dik li għandha x'taqsam mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku – BERS). Għas-separazzjoni bejn il-politika monetarja u dik superviżorja, ir-regoli interni se jkunu bbażati b'mod partikolari fuq is-sistemi ta' ġestjoni tal-BĊE għad-dokumenti u r-rekords, li jipprovdu karatteristiċi ta' sigurtà (bħall-gruppi u d-drittijiet tal-aċċess) sabiex jingħata jew jiġi limitat l-aċċess għal dokumenti u fajls, kif ukoll ir-reġim ta' kunfidenzjalità tal-BĊE, li jiddefinixxi kif għandha tiġi kklassifikata u ttrattata l-informazzjoni sensittiva tal-BĊE.

---

5 Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament MSU.

## 3.3 REGOLAMENT DWAR IL-ĠBIR TAD-DRITTIJIET SUPERVIŻORJI

Għal dettalji fuq ir-Regolament tal-BĊE dwar id-drittijiet, ara t-Taqsima 7.3.

## 3.4 DEĊIŻJONI DWAR IL-KOOPERAZZJONI MILL-QRIB

Filwaqt li r-Regolament Qafas jistabbilixxi l-arranġamenti operattivi bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro ladarba jiġi stabbilit reġim dwar il-kooperazzjoni mill-qrib, il-proċedura li tistabbilixxi l-kooperazzjoni mill-qrib se titfisser f'deċiżjoni speċifika tal-BĊE li se tipprovdi iktar dettalji mir-Regolament MSU. Tħejja abbozz ta' deċiżjoni tal-BĊE dwar il-kooperazzjoni mill-qrib li fih hemm spjegati l-aspetti proċedurali dwar:

- it-talbiet għal kooperazzjoni mill-qrib;
- l-evalwazzjoni ta' dawn it-talbiet mill-BĊE;
- is-sospensjoni u t-terminazzjoni potenzjali tal-kooperazzjoni mill-qrib.

Barra minn hekk, l-abbozz ta' deċiżjoni tal-BĊE jispeċifika l-lista ta' dokumenti li jridu jakkumpanjaw talba għad-dħul f'kooperazzjoni mill-qrib, jipprovdi formoli għan-notifika ta' dik it-talba u prospett dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Il-BĊE huwa mistenni jadotta dan l-abbozz ta' deċiżjoni fi Frar 2014. S'issa, il-BĊE ma rċieva l-ebda indikazzjoni ta' interess biex jiġi stabbilit reġim ta' kooperazzjoni mill-qrib mingħand Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro. L-inċertezza dwar il-kwistjonijiet ġodda li jistgħu jqumu minħabba l-possibbiltà ta' attivazzjoni ta' ftehim ta' kooperazzjoni mill-qrib tirrappreżenta sfida oħra għall-BĊE bħala parti mit-tħejjijiet tiegħu.

# 4 IL-MUDELL SUPERVIŻORJU TAL-MSU

Waħda mill-prijoritajiet ewlenin tax-xogħol ta' tħejjija kienet l-iżvilupp tal-karatteristiċi ewlenin tal-mudell operattiv għas-superviżjoni li se jiggwida l-funzjonament tal-MSU. Dan ix-xogħol sar minn *work stream* speċifika (WS3) u huwa rifless fil-Manwal Superviżorju tal-MSU.

## 4.1 IL-MANWAL SUPERVIŻORJU TAL-MSU

Il-Manwal Superviżorju tal-MSU jkopri l-prinċipji ġenerali, il-proċessi u l-proċeduri kif ukoll il-metodoloġija għas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet importanti u inqas importanti, filwaqt li jqis il-prinċipji għall-funzjonament tal-MSU. Jiddeskrivi l-proċeduri għall-kooperazzjoni fi ħdan l-MSU kif ukoll mal-awtoritajiet barra l-MSU. Filwaqt li l-Manwal Superviżorju huwa

essenzjalment dokument intern tal-istaff tal-MSU, hemm il-ħsieb li titħejja verżjoni pubblika komprensiva.

Parti importanti tal-Manwal Superviżorju hija ddedikata lill-Proċess Superviżorju ta' Reviżjoni u Evalwazzjoni tal-MSU (*Supervisory Review and Evaluation Process* – SREP) li ġie żviluppat biex iservi ta' gwida għar-reviżjoni superviżorja ta' istituzzjonijiet ta' kreditu importanti u inqas importanti u għar-rekwiżiti speċifiċi addizzjonali ta' fondi proprji, ta' pubblikazzjoni, ta' likwidità, u miżuri oħra fil-każijiet disponibbli speċifikament għall-awtoritajiet kompetenti.[6] Dan il-proċess (SREP) jiġbor fih:

- sistema ta' evalwazzjoni tar-riskji (*risk assessment system* – RAS);
- metodoloġija għall-kwantifikazzjoni ta' bafers tal-kapital u tal-likwidità (kwantifikazzjoni SREP);
- metodu biex jiġu integrati r-RAS, il-kwantifikazzjoni SREP u r-riżultati tat-test tal-istress.

Il-proċess SREP tal-MSU se jadotta metodu integrat li jiddependi minn informazzjoni estensiva pprovduta mis-sistema RAS, il-kwantifikazzjonijiet għall-bafers tal-kapital u tal-likwidità – fosthom il-proċess ta' evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital intern (ICAAP) u l-proċess ta' evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-likwidità interna (ILAAP) tal-banek – u r-riżultati tat-test tal-istress skont l-importanza tal-istituzzjoni; il-proċess se jgħaqqadhom b'mod sinifikattiv biex jiġu kkwantifikati l-livelli adegwati ta' kapital u likwidità u biex jitfassal il-Pjan ta' Eżami Superviżorju, minħabba l-evalwazzjoni iktar wiesgħa tar-riskji skont it-Tieni Pilastru tal-Qafas ta' Basel, kif implimentat fl-Unjoni Ewropea mid-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital IV u mir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital (il-pakkett CRD IV).

L-integrazzjoni ta' dawn id-dimensjonijiet tinkiseb kemm fil-livell individwali tar-riskji kif ukoll fil-livell ġenerali.

## 4.2 TIMIJIET SUPERVIŻORJI KONĠUNTI

Fi ħdan il-MSU, is-superviżjoni operattiva ta' kull grupp bankarju jew istituzzjoni ta' kreditu importanti se ssir minn Tim Superviżorju Konġunt (*Joint Supervisory Team* – JST) wieħed. Kull JST se jitmexxa minn koordinatur tal-BĊE u se jkun fih numru ta' superviżuri kkwalifikati tajjeb kemm tal-BĊE kif ukoll tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stati Membri parteċipanti. Fost ir-responsabbiltajiet tiegħu se jkun hemm l-ippjanar u l-eżekuzzjoni ta' programm superviżorju annwali għall-istituzzjoni assenjata lilu kif ukoll il-ħruġ u l-monitoraġġ

[6] Skont l-Artikolu 4(1)(f) tar-Regolament MSU.

tal-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Bord Superviżorju u l-Kunsill Governattiv. It-Timijiet Superviżorji Konġunti jistgħu jipproponu wkoll suġġetti għal eżamijiet fil-post u jsegwu l-konklużjonijiet tagħhom.

Il-kunċett ta' JST, bħala l-istrument operattiv ta' superviżjoni sovranazzjonali, ġie żviluppat speċifikament għall-MSU. Imqabbel mal-metodu eżistenti tal-Kulleġġi Superviżorji – li sa issa kienu l-uniku mezz, minbarra l-kooperazzjoni bilaterali, biex issir is-superviżjoni fuq bażi transnazzjonali – il-kunċett ta' JST jipprovdi titjib ġenwin.

Kemm mil-lat ta' daqs kif ukoll ta' kompetenza teknika, kull JST huwa mwaqqaf u kompost minn staff b'mod li huwa mfassal speċifikament biex jaqbel mal-mudell tax-xogħol, il-profil tar-riskju u d-distribuzzjoni ġeografika tal-istituzzjoni sorveljata minnu, bl-involviment tas-superviżuri kollha tal-BĊE u tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jkunu qegħdin jaħdmu fuq is-superviżjoni ta' bank speċifiku. Dan jippermetti metodu integrat tajjeb għas-superviżjoni ta' banek transkonfinali, biex il-JST ikun jista' jmexxi l-attivitajiet tiegħu skont il-profil tar-riskju speċifiku tal-istituzzjoni u biex jiġi żgurat li l-istituzzjoni tikkonforma mal-qafas legali u prudenzjali fuq bażi kontinwa u li tħares 'il quddiem.

Il-ġestjoni operattiva tat-Timijiet Superviżorji Konġunti se tkun effikaċi. Il-koordinatur tal-JST se jkun jista' jirreaġixxi għal avvenimenti *ad hoc* billi jaġġusta l-prijoritajiet superviżorji, jagħti skop ġdid lill-attivitajiet tal-JST, jiġbed l-attenzjoni tal-amministrazzjoni tal-BĊE jew jitlob iktar gwida jew appoġġ mill-Bord Superviżorju jew il-Kunsill Governattiv meta jkun hemm bżonn. Barra minn hekk, il-koordinaturi tat-Timijiet Superviżorji Konġunti se jmexxu t-timijiet tagħhom f'livell personali, billi jipprovdu l-motivazzjoni, il-gwida u t-tmexxija kif jixraq.

Biex jassisti lit-Timijiet Superviżorji Konġunti u biex jiġi żgurat li jkun hemm konsistenza fis-superviżjoni, il-MSU se jipprovdi netwerk estensiv ta' kompetenza u appoġġ speċjalizzati. Il-proċessi tal-ippjanar annwali għal attivitajiet superviżorji u l-organizzazzjoni ta' spezzjonijiet fil-post, pereżempju, se jiġu amministrati ċentralment. Għal appoġġ f'oqsma tematiċi speċifiċi bħal problemi dwar il-mudelli jew problemi relatati mar-riskju, kwistjonijiet legali jew appoġġ għal politika u metodoloġija, it-Timijiet Superviżorji Konġunti se jkunu jistgħu jitolbu aktar għajnuna f'kull żmien minn oqsma tax-xogħol oħrajn tal-BĊE.

B'din it-taħlita ta' karatteristiċi uniċi, it-Timijiet Superviżorji Konġunti x'aktarx se jkunu l-għodda l-iżjed integrata tas-superviżjoni sovranazzjonali. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li s-suċċess tal-proċess ta' reklutaġġ huwa ta' importanza ewlenija għall-proġett ġenerali, billi t-Timijiet Superviżorji Konġunti jeħtieġu staff kwalifikat ħafna li jiggarantixxi l-aqwa rendiment. Dan japplika b'mod partikolari għall-koordinaturi tat-Timijiet Superviżorji Konġunti, li l-profil

tar-rekwiżiti tagħhom jinkludi livelli għoljin ta' kompetenza professjonali fis-superviżjoni u esperjenza fl-amministrazzjoni sovranazzjonali.

## 4.3 SISTEMA TAL-EVALWAZZJONI TAR-RISKJI TAL-MSU

Is-sistema tal-evalwazzjoni tar-riskji tal-MSU (RAS) hija bbażata fuq taħlita ta' indikaturi kwantitattivi u fatturi kwalitattivi; dan mhuwiex metodu sempliċement mekkanistiku imma pjuttost iħalli wisa' għal ġudizzju li jkun iggwidat minn prinċipji definiti b'mod ċar, i.e. "ġudizzju kostrett". Hija maħsuba biex tapplika għall-banek kollha tal-MSU – mhux dawk importanti biss – u għalhekk teħtieġ il-proporzjonalità fl-implimentazzjoni tagħha.

Il-metodoloġija għall-evalwazzjoni tar-riskji tal-istituzzjonijiet sorveljati hija żviluppata b'kategoriji individwali (ir-riskju tan-negozju u l-profitabilità, ir-riskju tal-kreditu u tal-kontroparti inkluż ir-riskju residwu, ir-riskju tar-rata tal-imgħax fil-portafoll bankarju, ir-riskju tas-suq, ir-riskju tat-titolizzazzjoni, ir-riskju operattiv, ir-riskju tal-assigurazzjoni, ir-riskju tal-konċentrazzjoni (interriskju), il-governanza interna u l-ġestjoni tar-riskju, ir-riskju tal-likwidità u l-pożizzjoni tal-kapital).

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tas-sistema RAS huwa li tiġi kkunsidrata l-medda l-iktar wiesgħa ta' indikaturi kemm kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi (fosthom dawk li jħarsu 'l quddiem) meta jiġu evalwati l-profil tar-riskju intrinsiku tal-bank, il-pożizzjoni tiegħu fil-konfront tal-banek tad-daqs tiegħu, u d-dgħufija tiegħu għal għadd ta' fatturi esoġeni. Fil-biċċa l-kbira tad-dimensjonijiet, l-evalwazzjoni tiddistingwi bejn il-livell tar-riskju u l-kontroll tar-riskju. Dawn l-aspetti mbagħad jingħaqdu biex jipprovdu l-evalwazzjoni ta' kategorija partikolari u l-evalwazzjonijiet ta' kategoriji individwali wara jiġu integrati f'evalwazzjoni globali.

## 4.4 PROĊESS SUPERVIŻORJU TA' REVIŻJONI U EVALWAZZJONI TAL-MSU (SREP)

It-tieni komponent tal-iżvilupp metodoloġiku jkopri l-evalwazzjoni tal-kapital skont il-proċess superviżorju ta' reviżjoni u evalwazzjoni (SREP), il-kwantifikazzjoni tal-bafer ta' likwidità relatat, ir-rwol tat-test tal-istress, u l-miżuri superviżorji u komunikazzjoni.

Il-kwantifikazzjoni tal-proċess SREP għall-kapital u l-likwidità tintegra bla xkiel l-informazzjoni kollha rilevanti disponibbli. Metodu bħal dan huwa proċess kontinwu, fejn l-evalwazzjoni tar-riskju u l-analiżi ICAAP u ILAAP jidħlu f'xulxin biex jipproduċu evalwazzjoni konsistenti tal-profil tar-riskju tal-banek.

L-għan tal-metodu integrat huwa li l-erba' perspettivi (i.e. l-evalwazzjoni tar-riskju, il-kwantifikazzjoni SREP tal-kapital u l-likwidità, it-test tal-istress skont l-importanza tal-istituzzjoni u d-definizzjoni tal-programmi ta' eżami superviżorji) isiru partijiet koerenti tal-istrateġija superviżorja tal-MSU, biex jiġu evitati l-lakuni, id-duplikazzjoni jew li l-kompiti jew l-evalwazzjonijiet jidħlu f'xulxin, iżda pjuttost jingħaqdu l-attivitajiet kollha fi fluss uniku tax-xogħol. Din il-konsistenza hija meħtieġa wkoll fit-Timijiet Superviżorji Konġunti, billi kull wieħed minnhom se jkun inkarigat mis-superviżjoni ta' kuljum ta' istituzzjonijiet importanti u se jkun responsabbli għall-erba' komponenti.

Il-metodu integrat jibni fuq is-sistema RAS u jassumi li, għall-kategoriji rilevanti kollha tar-riskju, se jipprovdi indikazzjoni tad-dgħufijiet tal-istituzzjoni sorveljata. Din l-evalwazzjoni tar-riskju kombinat tal-attivitajiet tal-bank, qabel il-kunsiderazzjoni tal-pożizzjoni tal-kapital u tal-likwidità, hija importanti meta jiġi ġġudikat il-livell ta' kapitalizzazzjoni u likwidità billi s-superviżur għandu jistenna li l-ogħla livelli tar-riskju jiġu ggarantiti b'riżorsi proprji iktar għoljin.

## 4.5 PROĊESSI U PROĊEDURI TAS-SUPERVIŻJONI U STUDJI TA' KAŻIJIET

Il-proċessi u l-proċeduri tas-superviżjoni huma mniżżla bid-dettalji fil-Manwal Superviżorju. Dawn huma l-punti fil-qosor tal-kwistjonijiet koperti.

- **Kooperazzjoni fi ħdan il-MSU:** ir-rwol u r-responsabbiltajiet tat-Timijiet Superviżorji Konġunti għas-superviżjoni ta' kuljum ta' istituzzjonijiet importanti; il-proċeduri għas-superviżjoni f'livell konsolidat u f'livell uniku (i.e. fil-livell ta' kumpanija prinċipali u fil-livell individwali jew subkonsolidat fir-rigward tal-komponenti tal-gruppi stabbiliti fil-pajjiżi taż-żona tal-euro li ma jkunux dak tal-kumpanija prinċipali); u proċeduri biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kooperazzjoni ma' Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, iżda fejn tkun ġiet stabbilita kooperazzjoni mill-qrib bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

- **Rwoli, responsabbiltajiet u proċeduri biex jittieħdu deċiżjonijiet fi ħdan il-MSU:** il-kuntest legali; il-fażijiet tal-proċess biex jittieħdu deċiżjonijiet (fosthom il-proċeduri biex jittieħdu deċiżjonijiet mgħaġġla); u s-sistema lingwistika tal-MSU li tirregola l-komunikazzjoni bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stati Membri parteċipanti;

- **Proċessi u proċeduri dettaljati tal-MSU:** għas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet importanti u inqas importanti li jsegwu ċiklu ta' ħajja tipiku ta' istituzzjoni; l-infurzar tas-superviżjoni fl-Istati Membri f'kooperazzjoni mill-qrib; l-assigurazzjoni tal-eżekuzzjoni ta' programmi ta' superviżjoni għal istituzzjonijiet ta' kreditu skont l-istandards tal-BĊE u bil-kwalità ta' superviżjoni aċċertata bħala adegwata.

Sabiex il-Manwal Superviżorju jiġi rfinat u biex tiġi vverifikata l-metodoloġija u d-disinn tat-Timijiet Superviżorji Konġunti, saru studji ta' każijiet sabiex jiġi evalwat l-impatt ta' alternattivi tal-politika fuq l-implimentazzjoni attwali. Għad-diversi aspetti tal-metodoloġija, l-istudji tal-każijiet ġew applikati fuq grupp kostanti ta' istituzzjonijiet finanzjarji.

## 4.6 IL-METODU TAL-MSU GĦAL SPEZZJONIJIET FIL-POST

Il-Manwal Superviżorju jiddeskrivi wkoll il-metodu għal spezzjonijiet fil-post. Minbarra li jiddefinixxi l-ispezzjonijiet fil-post u jispjega l-għanijiet tagħhom, il-Manwal Superviżorju jispeċifika t-tipi u l-ambitu tal-ispezzjonijiet fil-post kif ukoll l-organizzazzjoni, it-teknika u ċ-ċiklu ta' ħajja tipiku tagħhom.

## 4.7 POLITIKA LINGWISTIKA

Il-qafas legali għas-sistema lingwistika tal-MSU huwa ddeterminat primarjament mir-Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-1958 dwar il-lingwi li għandhom jintużaw mill-istituzzjonijiet tal-UE. Hemm 15-il lingwa uffiċjali fiż-żona tal-euro u 24 lingwa uffiċjali tal-UE fit-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Għall-komunikazzjoni bejn il-BĊE u l-entitajiet sorveljati, bħala regola ġenerali, l-entitajiet sorveljati jistgħu jikkomunikaw mal-BĊE fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-BĊE jwieġeb f'dik il-lingwa. Id-deċiżjonijiet komunikati lill-entitajiet sorveljati jew persuni oħra (eż il-membri tal-bord, l-azzjonisti kwalifikati) se jiġu adottati mill-BĊE bl-Ingliż u l-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn kull destinatarju jkollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu jew fejn ikun domiċiljat. Jekk tittieħed deċiżjoni wara applikazzjoni ta' entità sorveljata, id-deċiżjoni tiġi adottata bl-Ingliż u bil-lingwa jew lingwi użati fl-applikazzjoni. Madankollu, il-BĊE jistenna li għadd ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, partikolarment il-kbar, jiftiehmu li jużaw l-Ingliż bejniethom u mal-BĊE. Meta att legali tal-BĊE jiġi adottat bl-Ingliż u fi kwalunkwe lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea, il-verżjonijiet tal-lingwi kollha jitqiesu bħala awtentiċi bl-istess mod. Għall-komunikazzjoni bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, bħala regola se jintuża l-Ingliż.

### 4.8 PERJODU TRANŻITORJU

Il-funzjonijiet u l-kompiti li jridu jsiru fil-perjodu ta' tranżizzjoni huma stabbiliti f'kalendarju speċifiku li jiġi aġġornat kull xahar. Pjan ewlieni iktar dettaljat jiddeskrivi l-attivitajiet, l-inizjattivi u l-isforzi ta' koordinazzjoni kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tħejjijiet tal-MSU, filwaqt li jżomm kont tal-progress tagħhom. L-oqsma tax-xogħol kollha kkonċernati jikkontribwixxu għal dan il-pjan ewlieni, u huma responsabbli għall-progress li jkun sar skont il-pjan ewlieni.

Barra minn hekk, kapitlu speċifiku tal-Manwal Superviżorju jfisser kif se jopera l-MSU fil-perjodu bejn id-dħul fis-seħħ tar-Regolament MSU u d-data li fiha l-MSU jieħu f'idejh għalkollox il-kompiti superviżorji, kif ukoll l-ambitu tal-kompiti li għandhom jitwettqu f'dak il-perjodu.

# 5 EVALWAZZJONI KOMPRENSIVA TAL-ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU

Il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti parteċipanti qegħdin jagħmlu evalwazzjoni komprensiva skont ir-Regolament MSU. B'mod iktar speċifiku, il-BĊE qiegħed imexxi l-eżerċizzju billi jfassal bir-reqqa d-disinn u l-istrateġija tiegħu, jimmonitorja l-eżekuzzjoni tiegħu b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, iwettaq l-assigurazzjoni tal-kwalità b'mod kontinwu, jiġbor u jikkonsolida r-riżultati u jiffinalizza u jxandar l-evalwazzjoni ġenerali. F'dan l-eżerċizzju ta' koordinazzjoni, il-BĊE għandu l-għajnuna ta' Oliver Wyman, kumpanija internazzjonali ta' konsulenza li tispeċjalizza fl-analiżi tas-settur bankarju. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti qegħdin iwettqu l-eżerċizzju fil-livell nazzjonali, fuq il-bażi ta' rekwiżiti tad-dejta u metodoloġija żviluppati ċentralment, biex ikunu jistgħu jisfruttaw b'mod effettiv l-għarfien u l-kompetenza lokali. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se jkollhom ukoll l-għajnuna ta' awdituri jew konsulenti indipendenti. Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm konsistenza fl-eżekuzzjoni fil-pajjiżi u l-banek kollha, ġew implimentati miżuri għall-assigurazzjoni tal-kwalità.

Il-BĊE jistenna li jippubblika r-riżultati tal-evalwazzjoni komprensiva qabel ma jieħu f'idejh ir-responsabbiltajiet superviżorji ġodda tiegħu f'Novembru 2014.

## 5.1 GĦANIJIET U AMBITU TAL-EVALWAZZJONI KOMPRENSIVA

L-għanijiet tal-evalwazzjoni komprensiva huma tlieta:

- l-ewwel, li tkattar it-trasparenza, jiġifieri, ittejjeb il-kwalità tal-informazzjoni disponibbli dwar il-kundizzjoni tal-banek;
- it-tieni, fejn ikun meħtieġ, li ssewwi l-karti tal-bilanċ billi tidentifika u timplimenta l-azzjoni korrettiva meħtieġa;
- it-tielet – li joħroġ mill-ewwel tnejn – li tkattar il-fiduċja fis-settur bankarju.

Tagħrif dwar il-metodu ġenerali tal-evalwazzjoni komprensiva jinsab fil-websajt tal-BĊE.[7]

L-evalwazzjoni tolqot 128 istituzzjoni ta' kreditu fi 18-il Stat Membru, li jkopru madwar 85% tal-assi bankarji taż-żona tal-euro. Dawn huma l-banek li sewwasew jistgħu jitqiesu bħala importanti skont ir-Regolament MSU. Madankollu, il-lista sħiħa u finali tal-banek importanti, li se ssir iktar 'il quddiem fl-2014 meta l-istatistika aġġornata tkun disponibbli, tista' tkun iqsar (ara wkoll it-Taqsima 7.1).

## 5.2 ELEMENTI EWLENIN TAL-EVALWAZZJONI KOMPRENSIVA

Il-BĊE se jiżgura li l-evalwzzjoni komprensiva tkun rigoruża u tinkludi s-sorsi ewlenin tar-riskju. Hija magħmula minn żewġ pilastri komplementari ewlenin, implimentati fi struttura ċentralizzata fil-BĊE.

- L-ewwel, **analiżi tal-kwalità tal-assi**, li biha l-BĊE se jeżamina l-kwalità tal-assi tal-banek u jtejjeb it-trasparenza tal-iskoperturi tal-banek; din l-analiżi se tkun wiesgħa u inklużiva, u tiġbor fiha l-iskoperturi tal-kreditu u tas-swieq, il-pożizzjonijiet kif jidhru fil-karta tal-bilanċ u 'l barra minnha u l-iskoperturi domestiċi u mhux domestiċi. Il-kategoriji kollha tal-assi, fosthom is-self improduttiv (*non-performing*), is-self ristrutturat u l-iskoperturi sovrani, se jkunu koperti. Ir-riżultati tal-analiżi se jkunu bbażati fuq limitu minimu ta' kapital ta' 8% Ekwità Komuni ta' Grad 1 (*Common Equity Tier 1*) skont id-definizzjoni tal-2014 mogħtija fil-pakkett CRD IV.
- It-tieni, **test tal-istress** li se jsir bil-kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE). Il-BĊE u l-ABE dan l-aħħar ikkomunikaw iktar dettalji dwar it-test tal-istress, il-metodoloġija u l-limiti minimi korrispondenti tal-adegwatezza tal-kapital (8% u 5.5% Ekwità Komuni ta' Grad 1 għal sitwazzjonijiet ta' bażi u sitwazzjonijiet negattivi rispettivament). Billi t-test tal-istress għall-banek suġġetti għall-evalwazzjoni

[7] http://www.ecb.europa.eu

komprensiva se jinkorporaw rekwiżiti tal-kapital li jistgħu jirriżultaw mill-analiżi tal-kwalità tal-assi, ir-riżultat aħħari se jkun iżjed iebes.

Barra minn hekk, evalwazzjoni superviżorja tar-riskji, skont id-disponibbiltà tad-dejta, tista' tkun ta' sostenn għall-evalwazzjoni komprensiva billi tagħmel verifika għall-kontroll u l-konsistenza tar-riżultati taż-żewġ pilastri ewlenin. L-għan tagħha jkun li tindirizza r-riskji ewlenin tal-banek, fosthom il-likwidità, l-ingranaġġ (*leverage*) u l-finanzjament. Tinkorpora analiżi kwantitattiva u kwalitattiva msejsa fuq informazzjoni mill-imgħoddi u informazzjoni li tħares 'il quddiem bil-għan li jiġi evalwat il-profil tar-riskju intrinsiku ta' bank, il-pożizzjoni relatata mal-banek tad-daqs tiegħu u d-dgħufija għal għadd ta' fatturi eżoġeni.

## 5.3 ORGANIZZAZZJONI TAL-EVALWAZZJONI KOMPRENSIVA

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-evalwazzjoni komprensiva, l-eżerċizzju jrid ikun organizzat ċentralment biex jipprovdi rigorożità u konsistenza fost l-Istati Membri parteċipanti kollha. L-evalwazzjoni komprensiva ġiet organizzata b'mod li tiżgura l-eżekuzzjoni konsistenti ta' metodoloġija robusta, governanza effiċjenti u proċess rapidu xieraq biex jittieħdu d-deċiżjonijiet.

L-istruttura ċentrali li tirregola u timplimenta l-evalwazzjoni komprensiva hija magħmula minn tliet saffi differenti, megħjuna minn strutturi nazzjonali lokali korrispondenti f'kull wieħed mit-18-il Stat Membru parteċipanti.

L-evalwazzjoni komprensiva hija rregolata minn Kumitat ta' Tmexxija tal-Evalwazzjoni Komprensiva (CASC) li huwa responsabbli lejn il-Bord Superviżorju.[8] Il-Kumitat ta' Tmexxija huwa presedut mill-President tal-Bord Superviżorju u l-Viċi President tal-BĊE u huwa magħmul minn erba' rappreżentanti tal-BĊE u rappreżentanti ta' livell għoli minn tmien awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Il-proġett kollu huwa mmexxi mis-Sur Jukka Vesala, li huwa wkoll id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali Superviżjoni Mikroprudenzjali III. Bħala Maniġer tal-Proġett tal-evalwazzjoni komprensiva, is-Sur Vesala jissorvelja l-ħidma preparatorja teknika mħejjija minn żewġ strutturi tekniċi, l-Uffiċċju Ċentrali għall-Ġestjoni tal-Proġett (CPMO) u t-Tim tat-Test tal-Istress tal-Evalwazzjoni Komprensiva (CAST) biex jiġu żgurati l-kooperazzjoni bejn din il-ħidma teknika u l-Kumitat ta' Tmexxija (CASC) u r-relazzjoni mill-qrib mal-Awtorità Bankarja Ewropea u l-pajjiżi involuti fl-evalwazzjoni komprensiva li mhumiex fil-MSU.

---

8 Il-Kumitat ta' Tmexxija tal-Evalwazzjoni Komprensiva (CASC) kien responsabbli lejn il-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Superviżjoni sakemm twaqqaf formalment il-Bord Superviżorju.

L-Uffiċċju Ċentrali għall-Ġestjoni tal-Proġett (CPMO) huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-assigurazzjoni tal-kwalità, għad-definizzjoni tal-istandards metodoloġiċi u biex tingħata gwida dwar il-kontenut tal-evalwazzjoni komprensiva lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jiġu żgurati t-tqabbil u l-konsistenza. Huwa magħmul minn membri tal-istaff tal-BĊE (megħjuna minn konsulenti barranin) u jikkollabora mal-istrutturi nazzjonali lokali filwaqt li jimmonitorja l-ħidma tagħhom, sabiex jiżgura li l-implimentazzjoni tkun miexja fit-triq it-tajba. Ġew stabbiliti timijiet għal kull pajjiż magħmulin mill-istaff tal-BĊE biex jagħmlu assigurazzjoni tal-kwalità tal-pajjiż, jipprovdu assistenza teknika u jiżguraw li ssir implimentazzjoni konsistenti tal-evalwazzjoni komprensiva fil-livell tal-pajjiżi.

It-Tim tat-Test tal-Istress tal-Evalwazzjoni Komprensiva (CAST) huwa magħmul minn rappreżentant ieħor tal-BĊE, żewġ rappreżentanti tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) u żewġ rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Huwa responsabbli biex jiżgura li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib mal-ABE, kif ukoll għall-interkollegamenti meħtieġa bejn l-eżerċizzju tal-evalwazzjoni tal-karti tal-bilanċ u t-test tal-istress.

# 6 ORGANIZZAZZJONI TAL-FUNZJONI SUPERVIŻORJA FIL-BĊE

Sabiex iwettaq il-funzjoni superviżorja ġdida tiegħu, il-BĊE qiegħed joħloq erba' Direttorati Ġenerali ġodda u Segretarjat, b'kalkolu totali ta' madwar 770 persuna ekwivalenti f'impjiegi *full-time* (FTE):

- Id-Direttorati Ġenerali Superviżjoni Mikroprudenzjali I u II se jkunu responsabbli għas-**superviżjoni diretta ta' kuljum ta' banek importanti**;
- Id-Direttorat Ġenerali Superviżjoni Mikroprudenzjali III se jieħu ħsieb is-**superviżjoni indiretta** ta' banek inqas importanti;
- Id-Direttorat Ġenerali Superviżjoni Mikroprudenzjali IV se jittratta s-servizzi **orizzontali** u speċjalizzati u se jgħin ukoll lid-Direttorati Ġenerali l-oħra fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom;
- Segretarjat speċifiku se jgħin lill-Bord Superviżorju u lis-substrutturi tiegħu.

Ir-reklutaġġ tal-MSU se jimxi fuq ir-regoli u proċeduri attwali ta' reklutaġġ tal-BĊE, li jistabbilixxu li l-istaff u l-maniġers ġeneralment jintgħażlu wara proċedura kompetittiva li ssir minn bordijiet tal-għażla. Il-proċedura ta' reklutaġġ għall-MSU ġiet organizzata skont l-importanza, i.e. l-ewwel ma ġie ppubblikat kien il-post battal ta' President tal-Bord Superviżorju, u eżatt warajh ħarġu l-avviżi għall-maniġers anzjani fl-aħħar ta' Settembru 2013,

filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-postijiet intermedji tal-amministrazzjoni ġew irreklamati fil-bidu ta' Diċembru 2013. Dan sar biex il-maniġers anzjani li ntgħażlu setgħu joqogħdu fil-bord imwaqqaf biex jagħżel l-amministrazzjoni intermedja, u l-maniġers intermedji setgħu joqogħdu fil-bordijiet imwaqqfa għall-għażla tal-istaff.

Sar progress kif ġej: il-President tal-Bord Superviżorju nħatret f'nofs Diċembru 2013 u ħadet sehem sħiħ fid-deċiżjonijiet finali dwar il-ħatra ta' erba' Diretturi Ġenerali fil-bidu ta' Jannar 2014. Huwa mistenni li d-deċiżjonijiet dwar is-sitt Viċi Diretturi Ġenerali se jittieħdu fi Frar 2014. Ir-reklutaġġ għall-maġġoranza tal-maniġers intermedji (madwar 100 post) beda u għadu għaddej filwaqt li l-kampanji għall-biċċa l-kbira tal-postijiet għall-istaff professjonali tnedew fl-aħħar tal-2013. L-avviżi għall-bqija tal-postijiet battala (madwar 20 maniġer intermedju u 280 professjonista – kollha fid-Direttorati Ġenerali Superviżjoni Mikroprudenzjali III u IV) huma mistennija jiġu ppubblikati sal-aħħar ta' Frar 2014. Ir-reklutaġġ għad-Direttorati Ġenerali Superviżjoni Mikroprudenzjali I u II ingħatatlu prijorità minħabba li kellhom isiru t-Timijiet Superviżorji Konġunti u l-evalwazzjoni komprensiva.

L-istaff tal-erba' Direttorati Ġenerali ġodda u tas-Segretarjat se jaħdem temporanjament minn bini mikri qrib il-Eurotower. Meta l-BĊE jmur fil-kwartieri ġenerali l-ġodda tiegħu, li bħalissa għadhom qegħdin jinbnew fid-distrett Ostend ta' Frankfurt am Main, l-istaff superviżorju se jibda jaħdem mill-Eurotower. Il-bini l-ġdid tal-BĊE ġie ppjanat fi żmien meta l-kompiti superviżorji kienu għadhom ma ġewx previsti u ma fihx wisa' biżżejjed biex jilqa' l-istaff superviżorju.

Minbarra d-dħul ta' staff ġdid, qegħdin jinħolqu għadd ta' oqsma tax-xogħol fi ħdan l-istruttura attwali b'kalkolu totali ta' madwar 200 persuna ekwivalenti f'impjiegi *full-time* (FTE) permanenti biex isostnu din iż-żieda fl-ambitu u fil-kompiti. Inħolqu taqsimiet ġodda fid-Direttorat Ġenerali Servizzi Legali, id-Direttorat Ġenerali Statistika u d-Direttorat Ġenerali Stabbiltà Finanzjarja (li issa sar magħruf bħala Direttorat Ġenerali Politika Makroprudenzjali u Stabbiltà Finanzjarja biex jirrifletti l-funzjonijiet ġodda tiegħu skont ir-Regolament MSU). Barra minn hekk, ġew stabbiliti taqsimiet ġodda fid-Direttorat Ġenerali Riżorsi Umani, Baġit u Organizzazzjoni u fid-Direttorat Ġenerali Amministrazzjoni.

Skont ir-Regolament MSU, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE se jistabbilixxi u jippubblika *Kodiċi ta' Kondotta għall-istaff u l-amministrazzjoni tal-BĊE involuti fis-superviżjoni bankarja*. Bħalissa l-BĊE qiegħed jeżamina l-abbozz ta' dan il-kodiċi ta' kondotta u fiż-żmien li ġej se jressaq proposta quddiem il-Bord Superviżorju u l-korpi deċiżjonali tal-BĊE.

# 7 TĦEJJIJA TA' OQSMA RILEVANTI OĦRA TA' ĦIDMA

## 7.1 MAPPA TAS-SISTEMA BANKARJA TAŻ-ŻONA TAL-EURO

Kif hemm imsemmi fit-Taqsima 2.1, *work stream* minnhom (WS1) ġiet inkarigata biex toħroġ mappa tas-sistema bankarja taż-żona tal-euro, fi kliem ieħor, biex tħejji katalgu tal-entitajiet kollha sorveljati li jidħlu fl-ambitu tal-MSU, inkluża l-istruttura interna tagħhom u l-kompożizzjoni tal-gruppi bankarji kollha taż-żona tal-euro.

Din il-*work stream* ġabret bosta dejta bħala bażi għall-analiżi u r-rapporti li ntużaw fid-diskussjonijiet ta' politika dwar diversi aspetti rilevanti għall-klassifikazzjoni tal-entitajiet sorveljati bħala importanti u inqas importanti. Il-ġabriet u l-analiżi tad-dejta ffukaw fuq dawk l-entitajiet li potenzjalment jidħlu fl-ambitu tal-MSU. Il-metodu tal-ġbir tad-dejta dwar dawn l-entitajiet ġie żviluppat sabiex jippermetti l-evalwazzjoni tal-importanza tagħhom skont il-kriterji stabbiliti fir-Regolament MSU. Id-dettalji tal-metodoloġija dwar l-evalwazzjoni u l-identifikazzjoni ta' banek importanti se jidhru f'taqsima speċifika tar-Regolament Qafas tal-MSU. Minbarra l-kriterju tad-daqs, l-istruttura u l-kompożizzjoni tal-gruppi sorveljati huma rilevanti b'mod partikolari biex tiġi ddeterminata l-importanza ta' istituzzjoni, minħabba li l-kriterji rispettivi jridu jiġu evalwati fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni.

Id-dejta li nġabret mill-*work stream* WS1 serviet ta' bażi biex il-BĊE seta' jagħżel l-istituzzjonijiet skont l-evalwazzjoni komprensiva (ara t-Taqsima 5.1) u se tkun il-bażi tal-lista tal-bidu ta' istituzzjonijiet importanti li se tinġabar qabel ma l-MSU jieħu f'idejh għalkollox il-kompiti superviżorji tiegħu.

## 7.2 QAFAS GĦAR-RAPPURTAR TAD-DEJTA SUPERVIŻORJA

Ġiet stabbilita *work stream* oħra (WS4) biex:

- tqis is-sitwazzjoni tad-disponibbiltà tal-informazzjoni li tista' titqabbel fil-livell taż-żona tal-euro;
- tagħti bidu għall-iżvilupp ta' qafas għar-rappurtar superviżorju tal-MSU.

Dan l-eżerċizzju kien jinkludi l-implimentazzjoni tal-mudelli tal-Awtorità Bankarja Ewropea għar-Rappurtar Finanzjarju (FINREP) u għar-Rappurtar Komuni (COREP).

Għalkemm instab li kien hemm varjazzjonijiet fit-tqabbil fost il-ġurisdizzjonijiet, huwa mistenni li l-adozzjoni tal-Istandards Tekniċi Implimentattivi (ITS) se tkompli ttejjeb il-livell tat-tqabbil. Għall-fażi ta' tħejjija, madankollu, ġie deċiż li l-ammont ta' informazzjoni meħtieġ għall-finijiet superviżorji m'għandux jiġi mxekkel mir-rekwiżit ta' tqabbil perfett.

Id-disinn tal-qafas għar-rappurtar superviżorju fil-ġejjieni tfassal skont id-dejta meħtieġa biex titħaddem sistema ċentralizzata għall-evalwazzjoni tar-riskji (RAS). Għalhekk, il-fatturi varjabbli inklużi fil-qafas għar-rappurtar ġew ikklassifikati skont il-profili tar-riskji differenti ta' bank, u s-sistema titqies bħala waħda flessibbli minħabba li l-progress fil-metodoloġiji tal-evalwazzjoni tal-profili diversi tar-riskji se jkompli jtejjeb id-disinn tal-mudelli tad-dejta.

Qabel ma ġie adottat ir-Regolament MSU, saru ġabriet ta' dejta f'żewġ okkażjonijiet bla ma ntalbet dejta direttament mill-banek. Minflok, id-dejta nġabret mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti permezz tal-iskemi attwali ta' rappurtar nazzjonali. Inġabar ammont relattivament kbir ta' informazzjoni, u dan għen biex seta' jiġi rfinat id-disinn tas-sistema ċentralizzata tal-evalwazzjoni tar-riskji (RAS).

Ladarba r-Regolament MSU ġie approvat, il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti qablu dwar ġabra speċifika ta' dejta li tinkludi informazzjoni rilevanti għas-sistema ċentralizzata tal-evalwazzjoni tar-riskji (RAS) u hija mfassla wkoll għal dawk il-profili tar-riskji (e.g. ir-riskju tal-likwidità u dak tar-rati tal-imgħax). Id-dejta li ma kinitx disponibbli fil-pront għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ntalbet direttament mill-banek. Ingħatat gwida dettaljata u fil-BĊE hemm disponibbli *help desks* u dokumenti b'Mistoqsijiet li jsiru sikwit (FAQs) għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u għall-banek fil-livell nazzjonali. Fir-rigward tal-ġbir tad-dejta, qiegħed isir kull sforz biex it-talbiet jiġu koordinati b'mod effiċjenti u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni.

Id-disponibbiltà f'waqtha tad-dejta dwar l-istatistika hija meħtieġa biex il-BĊE jkun jista' jieħu f'idejh il-kompiti superviżorji. Għalhekk, il-BĊE qiegħed jaħdem biex itejjeb id-dejta rilevanti li se taqdi l-ħtiġijiet speċifiċi tal-MSU.

Fl-istess ħin, il-BĊE qiegħed iħejji wkoll is-sistema tad-dejta meħtieġa biex huwa jkun jista' jirċievi d-dejta u l-metadejta dwar is-superviżjoni bankarja, kif ukoll biex din tinħażen, tiġi pproċessata (tiġi vvalidata u kkontrollata għall-konsistenza), titħares il-kunfidenzjalità tagħha u tinxtered. Din is-sistema ta' dejta se tkun magħmula minn żewġ komponenti ewlenin:

1. id-dejta bbażata fuq l-Istandards Tekniċi Implimentattivi (ITS) għar-rappurtar superviżorju, kif ippubblikati mill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) f'Lulju 2013;
2. dejta superviżorja regolari oħra li ma ġietx armonizzata mill-ABE.

Is-sistema tad-dejta hija mistennija tidħol fis-seħħ f'fażijiet, u l-ewwel fażi hija ppjanata li titlesta sa Lulju 2014. Is-sistema se tkun kollegata mal-Bażi tad-dejta tar-Reġistru tal-Istituzzjonijiet u l-Affiljati (RIAD) li għandu jkun fiha informazzjoni istituzzjonali u dejta ewlenija tax-xogħol dwar il-banek kif ukoll il-kompożizzjoni tal-gruppi bankarji (i.e. dejta ta'

referenza). Is-sistema se tkun kapaċi tospita wkoll kemm dejta dwar banek individwali kif ukoll dejta konsolidata (dwar gruppi bankarji).

## 7.3 QAFAS TAD-DRITTIJIET SUPERVIŻORJI

Skont ir-Regolament MSU, il-BĊE se jiġbor id-drittijiet annwali mingħand l-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti u mingħand fergħat stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti. Dawn id-drittijiet għandhom ikopru, iżda ma jaqbżux, l-ispejjeż imġarrba mill-BĊE fir-rigward tal-kompiti superviżorji tiegħu. Id-drittijiet għandhom jiġu stabbiliti fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti u abbażi ta' kriterji oġġettivi marbuta mal-importanza u l-profil tar-riskju, fosthom l-assi ppeżati b'riskju, tal-istituzzjoni ta' kreditu partikolari.

Il-ħidma f'dan il-qasam s'issa ffukat fuq:

- **it-tnedija tad-disinn tal-mekkaniżmu għall-kalkolu tad-dritt superviżorju** – fl-2013 il-BĊE eżamina s-sistemi u l-metodi differenti tad-drittijiet li qegħdin jintużaw fl-Ewropa u fid-dinja, b'mod partikolari fl-Istati Uniti, bil-ħsieb li jiġu identifikati l-aqwa prattiki;
- **l-abbozz ta' Regolament tal-BĊE dwar id-drittijiet** – dan ir-Regolament se jkun fih il-modalitajiet u l-kriterji li bihom se jiġi kkalkulat l-ammont tad-drittijiet superviżorji annwali li jrid jinġabar (fosthom dettalji dwar il-metodoloġiji) u l-proċedura tal-fatturazzjoni.

Il-passi li jmiss se jkunu l-finalizzazzjoni tal-proposti għall-metodoloġija tal-BĊE dwar id-drittijiet superviżorji u l-ħruġ ta' abbozz ta' Regolament tal-BĊE dwar id-drittijiet superviżorji għal konsultazzjoni pubblika (li huwa mistenni joħroġ fl-ewwel nofs tal-2014).

## 7.4 INFRASTRUTTURI TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA (IT)

Il-ħolqien ta' proċessi u operazzjonijiet ġodda ta' ħidma għall-MSU għandu l-għajnuna ta' erba' *work streams* għat-teknoloġija tal-informatika (IT):

- ***Servizzi komuni tal-IT:*** twaqqfu *workstations* ġodda fis-sit temporanju għall-istaff tal-MSU, u wara dan se jitwaqqaf total ta' 1,100 *workstation* ġdida sa tmiem il-ħarifa tal-2014. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se jikkollegaw mal-applikazzjonijiet tal-MSU permezz tal-CoreNet, l-infrastruttura attwali tan-networks li tintuża mill-banek ċentrali nazzjonali (bl-eċċezzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Ġermanja u

l-Latvja, li jistgħu jkunu jeħtieġu soluzzjoni differenti). L-opzjonijiet għall-iskambju ta' messaġġi ffirmati u kodifikati mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li mhumiex fis-SEBĊ qegħdin jiġu analizzati.

- ***Kollaborazzjoni, fluss tax-xogħol u ġestjoni tal-informazzjoni:*** se titwaqqaf linja tat-telefon li tkun ta' għajnuna għall-pubbliku fir-rigward ta' mistoqsijiet dwar il-MSU (ara t-Taqsima 7.6) u ngħata bidu għal proġett dwar il-fluss tax-xogħol tal-IT (e-Contact).
- ***Ippjanar tar-riżorsi tal-impriża:*** ir-rekwiżiti tal-oqsma tax-xogħol u s-soluzzjonijiet potenzjali għall-baġit tal-MSU, l-istruttura organizzattiva u t-tibdil fir-rekwiżiti tar-rappurtar ġew identifikati mar-rappreżentanti tal-oqsma tax-xogħol u qegħdin jiġu eżaminati. Għal dawk li huma l-kalkoli tal-ispejjeż, il-fatturazzjoni u l-ġbir u r-rikonċiljazzjoni tal-pagamenti (ara t-Taqsima 7.3) il-BĊE identifika l-moduli tas-SAP dwar *Public Sector Collection and Disbursement* u *Tax and Revenue Management* bħala soluzzjoni possibbli. Għadu għaddej l-iżvilupp ta' prototip li għandu jiġi evalwat fiż-żmien li ġej mir-rappreżentanti tal-oqsma tax-xogħol.
- ***Ġbir tad-dejta, ġestjoni tal-kwalità tad-dejta u analitika:*** beda l-proġett dwar is-Sistema ta' Dejta Bankarja Superviżorja (SUBA). Intemmet l-analiżi tax-xogħol u l-analiżi teknika. F'Diċembru bdiet il-ħidma fuq prototip li jiffaċilita l-ġbir u l-evalwazzjoni tal-fajls superviżorji f'fażi bikrija (i.e. fl-ewwel trimestru tal-2014) skont l-istandards ġodda dwar id-dejta (ITS u XBRL). Ġew analizzati u ttieħed ħsieb ir-rekwiżiti tal-oqsma tax-xogħol biex issir mappa u biex jiġu rappreżentati l-banek importanti fi ħdan is-sistema RIAD. Barra minn hekk, saru seminars għal min juża s-servizzi tas-SEBĊ biex jinġabru u jiġu evalwati r-rekwiżiti tal-oqsma tax-xogħol għas-sistema tal-evalwazzjoni tar-riskji (RAS). Sabiex jiġu ffaċilitati d-deċiżjonijiet li jittieħdu u l-komunikazzjoni li ssir dwar kwistjonijiet marbuta mal-MSU, il-Kumitat tal-Eurosistema u tas-SEBĊ għat-Teknoloġija tal-Informatika (ITC) beda jiltaqa' wkoll fil-kompożizzjoni tal-MSU.

## 7.5 ĠESTJONI TAL-INFORMAZZJONI

Bil-ħolqien ta' sinerġiji, għalkemm b'rispett sħiħ lejn is-separazzjoni funzjonali bejn il-mandat dwar il-politika monetarja u l-funzjoni superviżorja ġdida tiegħu, il-BĊE ddeċieda li jerġa' juża u jadatta għall-MSU l-politiki, il-prattiki u l-għodod attwali tiegħu dwar il-Ġestjoni tal-Informazzjoni[9] (i.e. is-sistema DARWIN għall-ġestjoni tad-dokumenti u r-rekords) billi dawn

[9] Kull informazzjoni, irrispettivament mill-midjum jew il-format tagħha, li għandha x'taqsam mal-politiki, il-kompiti, l-attivitajiet jew id-deċiżjonijiet tal-BĊE (fosthom il-kompiti u l-attivitajiet imwettqa skont id-dispożizzjonijiet tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE) li toriġina jew li hija miżmuma mill-BĊE.

diġà taw prova li kapaċi jissodisfaw tajjeb rekwiżiti simili f'ambjenti oħra (e.g. il-kumitati tal-BĊE, tal-BERS u tas-SEBĊ).

F'dawn l-aħħar xhur, il-BĊE għadda l-aċċess b'sigurtà għal DARWIN lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ħejja *workspaces* bħala għajnuna għax-xogħol li għandu x'jaqsam mal-fażi ta' tħejjija, mal-korpi deċiżjonali tal-MSU, mal-evalwazzjoni komprensiva u mal-kumitati tas-SEBĊ meta jiltaqgħu fil-kompożizzjoni tal-MSU. Kull *workspace* jikkonsisti f'*portal* sigur li jippermetti aċċess faċli għall-informazzjoni kif ukoll għall-funzjonijiet avvanzati tal-ġbir ta' informazzjoni u kollaborazzjoni.

Il-BĊE qiegħed ifassal ukoll soluzzjonijiet għall-ġejjieni dwar il-Ġestjoni tal-Informazzjoni sabiex jgħin il-proċessi superviżorji. L-għan huwa li jkun hemm *workspaces* fejn is-superviżuri tal-BĊE u tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha jkunu jistgħu jiskambjaw faċilment informazzjoni li jkollha x'taqsam mas-superviżjoni prudenzjali u mal-ispezzjonijiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, skont l-ogħla standards tas-sigurtà tal-informazzjoni. Dan il-proġett jinkludi l-kollegament tat-Timijiet Superviżorji Konġunti permezz ta' *user interface* li jipprovdi punt tad-dħul uniku fl-ambjent informatiku tal-MSU kif ukoll *toolkit* analitiku u ta' rappurtar għat-Timijiet Superviżorji Konġunti biex dawn ikunu jistgħu jagħmlu evalwazzjoni sħiħa tar-riskji tal-istituzzjonijiet sorveljati u kwantifikazzjoni tal-kapital u l-likwidità tagħhom.

## 7.6 KOMUNIKAZZJONI

Ġie stabbilit tim speċjalizzat fi ħdan id-Direttorat Ġenerali Komunikazzjoni u Servizzi Lingwistiċi tal-BĊE biex jikkoordina kwistjonijiet marbutin mal-komunikazzjoni esterna tal-MSU. Il-MSU se jieħu vantaġġ mis-sinerġiji attwali fi ħdan id-Direttorat Ġenerali u se jkollu kelliema apposta dwar is-superviżjoni, u staff biex jikkoordina t-traduzzjoni, il-protokoll u l-kuntatt estern, it-traduzzjoni u l-editjar bl-Ingliż, il-komunikazzjoni interna, il-mistoqsijiet tal-pubbliku, il-multimidja u l-monitoraġġ tal-midja. Qiegħda tiġi żviluppata politika ewlenija ta' komunikazzjoni bis-sehem tal-Kumitat tal-Komunikazzjoni tal-Eurosistema u tas-SEBĊ (ECCO), li għalih ġie stabbilit format ġdid għall-MSU li jinkludi, fost l-oħrajn, esperti anzjani tal-komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti.

L-għodda ewlenija ta' komunikazzjoni tal-MSU se tkun il-websajt. Tnediet taqsima ġdida bl-isem "Superviżjoni Bankarja" fil-websajt tal-BĊE fil-jum meta l-Parlament Ewropew ivvota dwar ir-Regolament MSU. Din it-taqsima temporanja qiegħda titkabbar u tittejjeb gradwalment b'tagħrif dwar il-MSU.

Fl-istess ħin, qiegħda tiġi żviluppata websajt ġdida speċifika dwar il-MSU li għandha tidher għall-ewwel darba f'Novembru 2014 meta l-MSU jibda jopera bis-sħiħ. Bħalissa qegħdin jinġabru u jiġu evalwati r-rekwiżiti bażiċi tal-komunikazzjoni għall-MSU – barra l-aspetti koperti fil-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-BĊE. Dawn se jiffurmaw il-kontenut u l-istruttura tal-websajt il-ġdida.

Għalkemm għandu jkun hemm separazzjoni ċara u funzjonali bejn il-mandat tal-BĊE dwar il-politika monetarja u l-funzjoni superviżorja ġdida tiegħu, it-tagħrif dwar il-MSU se jkun disponibbli kemm fil-websajt ewlenija tal-BĊE kif ukoll fil-websajt speċifika tal-MSU.

Huwa mistenni li l-kompiti superviżorji ġodda tal-BĊE se jwasslu għal żieda sinifikattiva fl-għadd ta' mistoqsijiet pubbliċi lill-BĊE dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett. Wara r-riżultati tal-istħarriġ dwar il-ġestjoni tal-mistoqsijiet pubbliċi fil-kuntest tas-superviżjoni kif ukoll wara studju tal-fattibbiltà, il-BĊE qiegħed jippjana li jżid il-kapaċità u l-kompetenza tal-funzjoni tiegħu fir-rigward tal-mistoqsijiet pubbliċi.

# 8 RESPONSABBILTÀ

Il-qafas tar-responsabbiltà huwa importanti għat-trasparenza, il-leġittimità u l-indipendenza tad-deċiżjonijiet superviżorji, filwaqt li fl-istess ħin jippermetti lill-MSU jwettaq id-dmirijiet superviżorji tiegħu b'mod effiċjenti u effikaċi. Ir-Regolament MSU jistabbilixxi qafas sostantiv u robust ta' responsabbiltà.

Għall-implimentazzjoni tar-Regolament, il-BĊE se jkun responsabbli lejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u/jew, skont il-każ, lejn l-Eurogrupp fil-preżenza ta' rappreżentanti mill-Istati Membri parteċipanti li mhumiex fiż-żona tal-euro. Għal dan il-għan, ir-Regolament MSU jistabbilixxi diversi mezzi ta' responsabbiltà u r-rappurtar ma jsirx biss lil dawn iż-żewġ istituzzjonijiet iżda wkoll lill-Kummissjoni Ewropea u lill-parlamenti nazzjonali. Ir-Regolament MSU jistabbilixxi wkoll proċeduri ċari għall-ħatra tal-President u l-Viċi President tal-Bord Superviżorju.

## 8.1 RESPONSABBILTÀ LEJN IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Fit-12 ta' Settembru 2013 il-Parlament Ewropew u l-BĊE ffirmaw dikjarazzjoni li tikkommetti liż-żewġ istituzzjonijiet jikkonkludu formalment **Ftehim Interistituzzjonali** dwar l-aspetti prattiċi tal-eżerċizzju tar-responsabbiltà demokratika u s-sorveljanza tal-kompiti konferiti lill-BĊE fi ħdan il-qafas tal-MSU; fi kliem ieħor, li jiċċara kif id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar ir-

responsabbiltà fir-Regolament MSU għandhom jiġu implimentati fil-prattika. F'dik l-okkażjoni, il-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-BĊE ddikjaraw ukoll l-intenzjoni tagħhom li l-proċedura tal-għażla għall-ħatra ta' President tal-Bord Superviżorju kellha ssir malajr.

Ir-Regolament MSU daħal fis-seħħ fit-3 ta' Novembru 2013 u l-Ftehim Interistituzzjonali fis-7 ta' Novembru 2013. Għalkemm mhuwiex previst b'mod espliċitu fir-Regolament MSU, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kkonkluda wkoll mal-BĊE **Memorandum ta' Ftehim** li jelabora b'iżjed dettalji d-dispożizzjonijiet tar-Regolament MSU dwar il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet fir-rigward tal-MSU. Il-Memorandum ta' Ftehim daħal fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2013.

Mezz ewlieni ta' responsabbiltà huwa provdut permezz ta' laqgħat regolari u skambji ta' opinjonijiet *ad hoc* mal-President tal-Bord Superviżorju fil-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) tal-Parlament Ewropew u fl-Eurogrupp. Il-pubblikazzjoni ta' dan ir-Rapport Trimestrali tal-MSU se taħbat mal-laqgħa li jmiss tal-Kumitat ECON li hija maħsuba għall-4 ta' Frar 2014. Il-Ftehim Interistituzzjonali jistabbilixxi wkoll il-parametri tal-kooperazzjoni tal-MSU f'investigazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u f'diskussjonijiet kunfidenzjali bil-fomm mal-President tal-Bord Superviżorju, li huma koperti b'salvagwardji xierqa ta' kunfidenzjalità, li jfisser li l-parteċipanti kollha jridu jiffirmaw ftehim ta' kunfidenzjalità. Il-Kumitat ECON se jirċievi rekord tal-laqgħat tal-Bord Superviżorju kif ukoll tagħrif mhux kunfidenzjali kull darba li jintemm proċess ta' stralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu. L-atti legali tal-BĊE dwar il-kompiti superviżorji li huma suġġetti għal konsultazzjoni pubblika se jintbagħtu bil-quddiem lill-Parlament Ewropew.

Fir-rigward ta' mezzi speċifiċi oħra ta' responsabbiltà u rappurtar, fil-perjodu tranżitorju, ir-rapporti trimestrali se jintbagħtu lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea u rapport annwali se jintbagħat lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea u l-Eurogrupp. Ir-Rapport Annwali se jintbagħat ukoll lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti, u dan jista' jwassal għal mistoqsijiet u osservazzjonijiet. Fil-Ftehim Interistituzzjonali u fil-Memorandum ta' Ftehim hemm ħarsa fil-qosor lejn x'għandu jkun il-kontenut ewlieni tar-rapporti trimestrali u annwali.

Skont is-sehem prominenti mogħti fir-Regolament MSU lill-President tal-Bord Superviżorju fir-rigward tar-responsabbiltà, il-President se jippreżenta r-Rapport Annwali lill-Kumitat ECON tal-Parlament Ewropew u lill-Eurogrupp fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-Istati Membri parteċipanti li mhumiex fiż-żona tal-euro. L-ewwel Rapport Annwali huwa mistenni jiġi ppubblikat sa tmiem l-2014. Skont il-Ftehim Interistituzzjonali, se jiġi ppubblikat fil-websajt tal-BĊE. Il-Membri Parlamentari Ewropej u l-membri tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea se jkunu

jistgħu jagħmlu mistoqsijiet bil-fomm u bil-miktub lill-President tal-Bord Superviżorju. Il-mistoqsijiet bil-miktub flimkien mat-tweġibiet se jiġu ppubblikati fil-websajts tal-Parlament Ewropew u tal-BĊE. Il-pubbliku ġenerali se jkollu wkoll l-opportunità li jagħmel kummenti u mistoqsijiet dwar din u kwistjonijiet oħra relatati mal-MSU li se jidhru fil-qosor bħala sett ta' Mistoqsijiet li jsiru sikwit (ara wkoll it-Taqsima 7.6).

Xi wħud mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament MSU diġà ġew implimentati saż-żmien tal-preżentazzjoni ta' dan l-ewwel Rapport Trimestrali. Dan jolqot l-aktar il-proċedura miftuħa tal-għażla għall-ħatra ta' President tal-Bord Superviżorju. Minħabba l-kooperazzjoni tajba ħafna li hemm bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-BĊE, il-passi maħsuba fir-Regolament MSU, u inklużi fil-Ftehim Interistituzzjonali u l-Memorandum ta' Ftehim, ittieħdu b'sens ta' urġenza u wasslu għall-ħatra tal-President, is-Sa Danièle Nouy, mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fis-16 ta' Diċembru 2013. Wara l-proposta tal-Kunsill Governattiv tat-22 ta' Jannar 2014 biex is-Sa Sabine Lautenschläger tinħatar Viċi President tal-Bord Superviżorju, is-Sa Lautenschläger għandha tidher quddiem il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) fit-3 ta' Frar 2014 għal laqgħa pubblika ta' konferma u votazzjoni dwar il-kandidat nominat għal Viċi President. Il-passi tal-proċedura miftuħa tal-għażla li wasslu għall-proposta tal-Kunsill Governattiv għal President kienu jinkludu l-għoti tal-abbozz tal-avviż ta' impjieg lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-għoti tal-lista finali ta' kandidati għal din il-kariga. Il-Kumitat ECON kien ukoll għamel laqgħa pubblika ta' konferma u votazzjoni dwar il-kandidat nominat għal President.

Qabel il-ħatra ta' President tal-Bord Superviżorju, il-Membri Parlamentari Ewropej bagħtu mistoqsijiet lill-President tal-BĊE fir-rigward tat-tħejjijiet dwar l-MSU, u dawn twieġbu u dehru fil-websajts tal-Parlament Ewropew u tal-BĊE. Barra minn hekk, il-President tal-Bord Superviżorju wieġbet aktar mistoqsijiet wara li nħatret fis-16 ta' Diċembru 2013. Skont il-Ftehim Interistituzzjonali, il-Parlament Ewropew irċieva wkoll fl-4 ta' Frar 2014 u qabel il-konsultazzjoni pubblika li se tibda fis-7 ta' Frar 2014, l-abbozz tar-Regolament Qafas, li huwa wieħed mill-elementi ewlenin tax-xogħol ta' tħejjija tal-MSU.

# 9 IL-PASSI LI JMISS U L-ISFIDI TAL-ĠEJJIENI

Waħda mill-isfidi ewlenin li l-BĊE kellu jaffronta kienu n-natura u l-ambitu bla preċedenti tal-kompiti l-ġodda. Barra minn hekk, il-perjodu ta' żmien biex jitwaqqaf il-MSU huwa qasir

ħafna, u fil-verità huwa ħafna iqsar mill-perjodu ta' żmien disponibbli meta twaqqfu l-BĊE u l-politika monetarja unika.

Diffikultà oħra kienet ukoll it-tibdil fl-iskeda taż-żmien. Id-data meta l-BĊE kellu jieħu f'idejh il-kompiti superviżorji ġodda tiegħu mxiet gradwalment minn Marzu għal Novembru 2014, u dan wassal għal aġġustamenti kontinwi fl-iskadenzi kollha (li ħalla l-impatt tiegħu fuq il-proċessi deċiżjonali, il-kalendarju superviżorju, it-tħejjijiet loġistiċi, ir-reklutaġġ u l-formazzjoni tat-Timijiet Superviżorji Konġunti).

Qabel ir-Rapport Trimestrali li jmiss, previst għal Mejju 2014, il-BĊE se jkollu jaffronta, b'mod partikolari, it-tliet sfidi li ġejjin:

- Għal dak li għandu x'jaqsam mar-reklutaġġ tal-biċċa l-kbira tal-istaff relatat mal-MSU u t-twaqqif tat-Timijiet Superviżorji Konġunti, li huma responsabbli għas-superviżjoni ta' kuljum ta' madwar 130 banek importanti, il-BĊE jrid joħloq il-kundizzjonijiet għal interazzjoni produttiva bejn l-istaff li jinsab fil-"qalba" u l-istaff tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. L-amministrazzjoni tajba hija kruċjali għall-MSU minħabba l-involviment ta' persuni b'ħiliet speċjalizzati lkoll jaħdmu għall-istess għan, iżda li jistgħu jkunu impjegati minn awtoritajiet differenti fi bliet differenti.
- Se jkun kruċjali għall-Bord Superviżorju li jiffunzjona bl-aktar mod effikaċi sa mill-bidu. Fil-perjodu sakemm il-BĊE jieħu f'idejh il-kompiti, iridu jiġu adottati bosta deċiżjonijiet fundamentali, mhux biss dawk li se jiddeterminaw il-funzjonament ġenerali tal-MSU iżda wkoll l-iżvilupp u l-kalibrazzjoni ulterjuri ta' metodoloġiji ta' evalwazzjoni superviżorji u tar-riskju fil-MSU kollu, meħtieġa biex il-BĊE jkun jista' jieħu deċiżjonijiet dwar il-kapital u l-likwidità minn din is-sena. Dan jgħodd ukoll għall-evalwazzjoni komprensiva, li aktar dettalji dwarha tħabbru dan l-aħħar.
- Bħala segwitu għal dan ir-Rapport Trimestrali, il-BĊE se jfittex li jissodisfa l-aspettattivi leġittimi f'termini ta' responsabbiltà u trasparenza stabbiliti bil-Ftehim Interistituzzjonali u l-Memorandum ta' Ftehim. Il-BĊE huwa impenjat bis-sħiħ li jeżerċita r-responsabbiltajiet tiegħu skont dan il-ftehim.